# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) SUPERJURI, ĠURISDIZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012

### Ċitazzjoni numru: 134/1995 (PC)

Gioacchino sive Jack Bugeja u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2004, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Josef Bugeja, u Therese Bugeja mart Jack Bugeja bħala leġittima rappreżentantanta ta' binha minuri Anthony George bin l-istess Joachim u Theresa nee' Vella, minflok Jack Bugeja li miet fil-mori tal-kawża

vs

Kummissarju tal-Art

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi l-attur huwa l-kerrej ta' estensjoni ta' art tal-kejl ta' ċirka tlettax il-elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin metri kwadri (13,645m.k.), magħrufa "Tal-Ksajjem" fil-kuntrada magħrufa "Ta' Wied il-Mielaħ" fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, liema art l-attur kriha mingħand terzi biex jużaha bħala radam għall-iskariku ta' terrapien, rimi ta' qtugħ ta' blat u materjal ieħor li jiġi skavat minn siti fabrikabbli fejn l-attur ikun jeżegwixxi xogħolijiet ta' demolizzjoni u/jew skavazzjoni;

Illi l-konvenut irid jakkwista l-art okkupata mill-attur u jrid jimpussessah mit-tgawdija tal-imsemmija art li ilha fil-pussess tiegħu b'titolu validu fil-liġi għal diversi snin, billi skond l-istess konvenut l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku;

Illi permess ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-11 ta' Novembru 1994, li ġiet ippublikata b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 716/1994, ġie dikjarat li biċċa art tal-kejl ta' sitta u għoxrin elf mija u

tnejn metri kwadri (26,102m.k.) li tmiss mill-Punent u mill-Lbiċ ma' triq pubblika u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Joseph Żammit, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti u ċioé mill-konvenut għal skop pubbliku u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xirì assolut;
Illi inkluż fit-territorju msemmi fid-dikjarazzjoni l-konvenut ikorpora wkoll l-art li tinsab fil-pussess esklussiv tal-attur;

Illi l-art li l-konvenut irik jimpussessa lill-attur minnha ma jeħtiġiex għal skop pubbliku u cioé għal skopijiet li l-Liġi jew aħjar l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Lap. 88) tipprovdi espressament dwarhom, iżda irid jakkwisa l-art limitatament fl-interess biss ta' settur partikolari, żgħir, u selettiv tal-pubbliku u ċioé biex jippermetti kuntratturi oħra, li f'Għawdex in-numru tagħhom huwa relattivament żgħir wisq biex jarmu r-radam tagħhom fl-istess post fejn jarmih l-attur;

Illi fil-każ in kwistjoni l-konvenut qiegħed juża l-poteri li tagħtih il-Liġi b'mod abbużiv billi t-talba tiegħu ma tissoddisfax ir-rekwiżiti tal-liġi ta' x'jikkostitwixxi "skop pubbliku" u għalhekk l-ordni ta' esproprijazzjoni relattiva hija nulla;

Illi id-diskrezzjoni amminstrattiva akkordata mill-liġi lill-konvenut ma ġietx eżerċitata entro l-limiti permessi mill-liġi u għaldaqstant l-aġir tal-konvenut huwa illegali u abbużiv u jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-attur u jekk il-konvenut jissokta jeżegwixxi l-ordni ta' esproprijazzjoni ser jikkawża danni inġenti u irrimedjabbli lill-attur kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-esproprjazzjoni tal-art fil-pussess tal-attur mill-konvenut ma tissoddisfax ir-rekwiżiti tal-liġi fis-sens li ma hix meħtieġa għal "skop pubbliku" kif inhu mfisser mill-liġi li bis-saħħa tagħha qegħda tintalab l-esproprjazzjoni;

2. Tiddikjara wkoll li bl-aġir tiegħu l-konvenut aġixxa b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministrattiva stante li t-talba tiegħu għall-esproprjazzjoni ma ġietx eżerċitata entro l-limiti permessi mill-liġi u għalhekk l-ordni relattiva tal-esproprejazzjoni tal-art in kwistjoni hija nulla;

3. Iżżomm lill-konvenut responsabbli tad-danni minħabba l-aġir tiegħu likwidabbli separatament.

Bl-ispejjez inklużi tal-ittra uffiċċjali spedita kontra l-konvenut fis-26 ta' Lulju 1995 u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-porzjon art de quo hija preżentament milquta minn dikjarazzjoni Presidenzjali ddatata 4 ta' Novembru, 1994. Din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi fiha nfisha prova illi l-art hi meħtieġa għal skop pubbliku u ebda prova kuntrarja ma' tista' tinġieb ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kapitlou 88;

2. Illi jidher li l-attur għadu ma fehemx id-distinzjoni ġuridika bejn interess pubbliku u skop pubbliku; għaldaqstant iċ-ċitazzjoni hija intempestiva u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez;

3. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Marzu 2001 fejn, fuq talba ta' l-attur, ordnat l-allegazzjoni tal-provi miġbura fir-Rikors fl-ismijiet "Gioacchino sive Jack Bugeja vs Kummissarju tal-Pulizija" quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, degretat fis-7 ta' Jannar 1998.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur ittenta jattakka deċiżjoni tal-konvenut li permezz tagħha biċċa art mikrija lilu ġiet sproprjatata temporanjament b'titolu ta' *possession and use* sabiex tintuża bħala post pubbliku għar-radam ta' skart tal-kostruzzjoni. Huwa jallega illi dan ma sarx għal "*skop pubbliku*" kif tirrikjedi l-liġi u kien hemm

nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministattiva fit-teħid ta' din id-deċiżjoni. Konsegwentement talab dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kaġunati lilu b'riżultat ta' tali deċiżjoni.

Għal din iċ-ċitazzjoni l-konvenut Kummissarju ta' l-Art wieġeb li d-dikjarazzjoni Presidenzjali li biha ġiet esproprjata l-art in kwistjoni, tikkostitwixxi fiha nnifisha prova li l-art kienet mehtieta għal skop pubbliku u ebda prova kuntrarja ma tista' tinġieb, u dan ai termini ta' l-artikolu 6 tal-Kap. 88 li jirregola din il-materja. Jikkontendi wkoll li l-attur ma fehemx id-distinzjoni bejn interess pubbliku u skop pubbliku u għalhekk l-azzjoni tiegħu hija ntempestiva.

Il-fatti li taw lok għal din il-kawza, fil-qosor, kienu s-segwenti:

L-attur, illum mejjet, kellu f'idejħ biċċa art estensiva, proprjament barriera eżawrita magħrufa bħala "Tal-Qsajjam" fl-inħawi ta' Wied il-Mielah, l-Għarb, Għawdex, Din kien ħadha b'kera mingħand is-sidien tagħha, wara li anke ħallas rigal, bl- iskop li jarmi fiha l-iskart ta' l-iskavazzjoni u demolizzjoni li kien jirrizulta mix-xogħol tiegħu bħala wieħed mill-kuntratturi ewlenin f'dan ir-rigward f'Għawdex.[1] Wara li ġab il-permessi meħtieġa u kien ġia ilu xi żmien jarmi l-iskart tiegħu f'din il-barriera, darba minnhom gie rinfaċċjat minn uffiċċjali governattivi li nfurmawh li l-barriera kienet ser tiġi esproprjata għar-radam mill-pubbliku, u għalhekk kien ser jitlef il-kontroll fuqha.[2] Infatti l-esproprjazzjoni ħarġet fil-11 ta' Novembru 1994 u ġiet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nru.716/1994. Minħabba f'hekk l-attur kellu jaqsam din il-barriera mal-kuntratturi l-oħra kollha f'Għawdex, bil-konsegwenza li din imtliet ħafna qabel ma kien ippreveda meta ħadha b'kera.

Rigward il-kwistjoni jekk il-Qorti għandhiex poter tissindika deċiżjoni dwar esproprjazzjoni, kien hemm diversi deċiżjonijiet tal-qrati tagħna li aċċettaw illi għalkemm qatt ma tista' tkun in diskussjoni l-awtorita' tal-gvern li jagħmel esproprjazzjoni ta' xi proprjeta' privata fl-interess pubbliku, il-qrati dejjem jibqagħlhom il-poter jinvestigaw jekk tali esproprjazzjoni tkunx verament saret għal '*skop pubbliku*' kif tirrikjedi l-liġi. Infatti ntqal illi:

"*Huwa minnu illi l-art.6 ta' l-istess Ordinanza* (il-Kap.88) *jgħid illi: '(6) Ħadd ma jista' jitlob prova oħra ta' l-iskop pubbliku.... minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.' Madankollu, billi din il-qorti għandha s-setgħa u d-dmir li tara li jitħarsu l-lġgijiet kollha ta'*

[1] Ara kopja ta' l-iskrittura ta' kera u ricevuta relattiva, esebiti bhala Dokti.1 u 2 a fol.139, 140 tal-process; ara wkoll pjanta esebita a fol.166 fejn din l-art tidher immakata bl-ahdar,u l-affidavit ta' Emanuel Vella a fol.134 – 138

[2] Ara kopja ta' l-ittra mibghuta mill-Ministeru ghal Ghawdex lill-Kummissarju ta' l-Art datata s-7 ta' Jannar 1994: Dok.KA 1 a fol.224

*Malta, fosthom id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali li jħarsu l-jedd għall-proprjeta' privata, din il-qorti għandha wkoll is-setgħa u d-dmir li tara li tassew it-teħid ta' l-art hu meħtieġ għal skop pubbliku billi s-setgħa ta' l-awtorita' pubblika li tieħu proprjeta' privata ma hix setgħa mħollija għal kollox fid-diskrezzjoni ta' dik l-awtorita'.*" [3]

Hekk ukoll ġie deċiż illi:

"*Id-dritt taċ-ċittadin għal smiegħ xieraq jeżisti meta tqum kwistjoni dwar id-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tiegħu, mentri fil-każ ta' esproprju…iċ-ċittadin m'għandux dritt jostakola lill-Gvern u lanqas li jkun mismugħ; id-drittijiet taċ-ċittadin huma marbuta mal-ħtieġa li l-esproprjazzjoni verament tkun meħtieġa għal skop pubbliku, l-istess isir kif trid il-liġi u li jingħata kumpens adegwat (ara ukoll 'Buġeja vs Kummissarju tal-Artijiet' deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1996).*" [4]

Dwar x'għandu jinftiehem bi "**skop pubbliku**" ġie mfisser illi:

"*Il-qorti ma tindaħalx leġġerment biex tissostitwixxi l-kriterji tagħha għal dawk tal-gvern, u toqgħod fuq il-fehma ta' l-awtorita' kompetenti ħlief meta jintwera illi tassew ma seta' kien hemm ebda interess pubbliku fit-teħid tal-proprjeta' jew illi ma nżammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ta' proprjeta' .*" [5]

Irrizulta mill-provi prodotti li dik il-ħabta l-awtoritajiet governattivi kienu qed jiġu rinfaċċjati bil-problema ta' rimi illegali u bl-addoċċ ta' terrapien riżultanti mill-industrja tal-bini f'Għawdex, u kienet qed issir pressjoni qawwija mill-kuntratturi nvoluti f'din l-industija biex jinstabulhom postijiet adattati għar-rimi ta' l-iskart ġenerat minn dan ix-xogħol tagħhom. Il-Ministeru għal Għawdex għalhekk waqqaf kumitat *ad hoc* biex jiddentifika siti madwar il-gżira li jistgħu jiġu utiliżżati għal dan il-għan. Infatti nstabu madwar tnax il-barriera eżawrita li setgħu jiġu utiliżżati biex jintefa' radam tal-kostruzzjoni fihom. [6] Minn dawn, apparti dik f'idejn l-attur, ġiet esproprjata waħda biss fis-sena 1990. Fir-rigward ta' uħud mill-oħrajn, intlaħaq ftehim

[3] Prim'Awla: Lapsi Estates Ltd. vs Kummissarju ta' l-Artijiet et. : 20.05.2003
[4] Prim'Awla: Andrew Vella et. vs Kummissraju ta' l-Artijiet et. : 23.04.2010; ara wkoll: J.J. Edwards noe. vs Kummissarju ta' l-Artijiet et noe. :22.10.2004; u Prim'Awla: Ganni Farrugia et vs Kummissraju ta' l-Artijiet: 5.03.2004
[5] J.J. Edwards vs Kummissarju ta' l-Artijiet gia citata
[6] Ara lista esebita minn Joseph Portelli; Direttur Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex: Dok.JP 1 a fol. 120

mas-sidien li aċċettaw il-kumpens offrut mill-gvern ta' dan l-użu, u ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni da parti tagħhom dwar dan.[7]

Fil-fehma ta' l-atturi l-esproprjazzjoni li saret tal-barriera mikrija lil Jack Bugeja ma kienitx għal skop pubbliku, imma biss għall-konvenjenza ta' kuntratturi ohra, kompetituri tiegħu, li kien jaqblilhom li jkollhom post pubbliku fejn jarmu l-iskart tagħhom mingħajr ebda taħbit u spejjez. Ta' l-inizzjattiva li kien ħa l-attur waħdu biex isolvi l-problema tar-rimi ta' l-iskart ġenerat mix-xogħol tiegħu, huwa kien qed jiġi punit billi tteħditlu proprju l-barriera li kien kera apposta għal dan il-fini, biex imbagħad biha jinqdew ukoll l-iskavaturi kompetituri tiegħu.

Din il-Qorti taqbel li ma kien hemm l-ebda skop pubbliku f'din l-esproprjazzjoni. Jekk kien hemm problema ta' rimi ta' skart ġenerat mill-industrija tal-kostruzzjoni f'Għawdex, is-soluzzjoni ma kellhiex tkun li tittieħed proprju l-barriera ta' min ra kif għamel biex b'mod legali u a spejjez kompletament tiegħu ikollu r-radam personali tiegħu. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-kuntatturi l-oħra biex jagħmlu bħall-attur u huma wkoll ifittxu siti adattati għar-rimi ta' l-iskart tagħhom. Naturalment u għal skopijiet kummerċjali faċilment spjegabbli, kien iżjed konvenjenti għalihom li jitfgħu din il-problema f'riġlejn il-gvern, li biex jevita li jibqa' jsir t-tfiegħ ta' radam fejn ġie ġie, bi ħsara kbira għall-ambjent, għazel li jikkuntentahom u jipprovdilhom hu s-soluzzjoni. Dan pero' ma kellux ikun a skapitu ta' min kien dileġenti biżżejjed li kien ra kif għamel biex ikollu fejn jarmi l-iskart ġenerat mix-xogħol tiegħu u jsolvi l-problema waħdu. Ma rriżultax li b'xi mod kien ser jinqeda l-pubbliku in ġenerali bl-esproprjazzjoni li saret tal-barriera mikrija lill-atturi, għax din ma kienitx intiża għar-rimi ta' l-iskart domestiku, imma sempliċement għall-konvenjenza ta' ftit kuntratturi oħra li kien jaqblilhom li ħaddiehor jipprovdilhom hu servizz gratuwitu fejn jarmu t-terrapien tagħhom. Infatti jidher li l-awtoritajiet stess eventwalment dan irrealizzawh, u wara dik ta' l-attur ma reġgħetx saret ebda esproprjazzjoni oħra għal dan il-fini.

Niġu issa sabiex jiġi kkunsidrat jekk f'dak li sar kienx hemm xi nuqqas serju ta' diskrezzjoni ammistrattiva da parti ta' l-awtoritajiet konċernati. Ghalkemm ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens, il-konvenut fin-Nota ta' l-Ossevazzjonijet tiegħu jaċċenna għall-possibilita' li jista' jkun hemm nuqqas ta' ġurisdizzjoni biex din il-Qorti tissindika għemil bħal dan tal-gvern. Dan għaliex meta ġiet intavolta din il-kawża, l-artikolu 469A tal-Kap.12 li jagħti poter lill-qrati tagħna sabiex jisindikaw deċiżjonijiet amministrattivi kien għadu ma ġiex fis-seħħ. Billi l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni hija waħda

[7] Ara deposizzjoni ta' Joseph Portelli afol.113 - 119

ta' ordni pubbliku, anke jekk ma ssemma xejn f'dan ir-rigward fin-Nota ta' l-Eccezzjonijet tal-konvenut, tali kwistjoni ma tistax tiġi njorata mill-Qorti. Huwa minnu li l-Att XXIV tal-1995 li permezz tiegħu ġie introdott dan l-artikolu, ġie fis-seħħ biss fl-1 ta' Ottubru 1995,[8] u din il-kawża ġiet intavolta ftit qabel u preċiżament fl-14 ta' Awwissu ta' l-istess sena, u għalhekk ma jistax jiġi nvokat l-artikolu 469A. Madankollu teżisti ġurisprudenza kostanti li tikkonfema li anke preċedentement, meta l-liġi tagħna ma kienet issemmi xejn f'dan ir-rigward, il-qrati tagħna, influenzati mid-dritt amministrattiv ingliz, kienu aċċettaw li jissindikaw deċiżjonijiet amministrattivi. Hekk, per eżempju, ingħad illi:

"*Għalhekk mis-suespost titnissel neċessarjament il-konklużjoni illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iż-żewġ vesti, il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-lġgi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti għandha d-dritt tissindika, meta tkun hekk mitluba u adita, li t-Tribunal jaġixxi fil-limiti tal-liġi illi in forza tagħha huwa kostitwit. Evidentement u indubbjament imbagħad, il-Qorti għandha s-setgħa li tara li t-Tribunal bl-ebda mod kiser xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif proprju huwa allegat fil-proċedura in dizamina...*". [9]

Fil-każ in eżami ġie allegat minn Emanuel Vella,[10] hu l-mara ta' l-attur, li kien jgħinu fix-xogħol tiegħu u li xehed fl-assenza ta' l-attur li miet ftit wara li ġiet ippresentata din il-kawża, illi l-attur kien gie eskluz għal kollox mid-diskussjonjiet li kellhom il-kuntratturi għawdxin ma' l-awtoritajiet governattivi meta saret it-talba biex jinstabilhom sit adattat fejn jarmu r-radam tagħhom, għalkemm kienu jafu bih u li dan kien għadu kemm akkwista barriera proprju għal dan l-iskop. Irriżulta wkoll illi huwa ġie nfurmat bid-deċiżjoni li kienet ser titteħidlu l-barriera tiegħu minn uffiċċjali governattivi fuq il-post stess, meta ġie mwissi biex iħalli l-barriera f'idejhom u ma jfixkilx lill-kuntratturi l-oħra milli jmorru jarmu r-radam tagħhom fil-barriera tiegħu. Ġara wkoll illi minkejja l-protesti kollha ta' l-attur biex għall-inqas il-kuntratturi l-oħra jużaw parti mill-barriera li kienet inkluża fl-esproprjazzjoni, imma li ma kienitx ġiet mikrija lilu,[11] u li ukoll kienet direttament aċċessibbli mit-triq, għal xi raġuni li baqgħet ma ġietx spjegata, l-awtoritajiet xorta waħda insistew li kulħadd juża l-

---

[8] A.L.131/1995

[9] Prim' Awla: Thomas Montalto vs Maggur Stanley Clews Chaiman tat-Tribunal Industrijali et. 26.05.1987; ara wkoll fl-istess sens: Sammut vs Bel Malance kollez. Vol. XXXII.ii.350, moghtija fl-1946; Prim'Awla: Michael Vella et pro et noe vs Emanuel C.Farrugia noe. 13.04.1987 vol. LXXI.ii.646; T.Montalto vs L.Chircop: 18.4.1987; Salvino Borg d'Anastasi vs Ian De Cesare et noe. 3.04.1989.

[10] Ara affidavit tieghu a fol.134 -138

[11] Dik indikata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta esebita a fol.166

parti tal-barriera mikrija lill-attur. Dawn iċ-ċirkostanzi baqgħu qatt ma ġew miċħuda mill-konvenut jew ix-xhieda minnu prodotti.

Jirriżulta evidenti li hawnhekk għandna każ klassiku ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju ta' l-awtoritajiet konċernati meta ġew biex jieħdu d-deċiżjoni li laqtet daqshekk ħażin lill-attur. Fuq kollox kien hemm ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali ta' l-*audi alteram partem.* L-attur fl-ebda stadju tal-proċeduri involuti ma ngħata smiegħ xieraq, minkejja l-isforzi kollha tiegħu biex jiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet għall-kaz tiegħu, kif jirriżulta mill-korrispondenza kollha li tirriżulta mill-proċess,[12] u anke l-proċeduri ġudizzjarji li ha f'dan ir-rigward.[13] Huwa prinċipju stabilit mill-qrati tagħna li anke fi proċeduri ta' esproprjazzjoni ta' proprjeta' privata fl-interess pubbliku, l-amministazzjoni għandha tosserva l-ħtiġijiet tal-prinċipji tas-smiegħ xieraq fl-implimentazzjoni tal-politika governattiva tagħha.[14] Kif ġie mfisser fis-sentenza tal-House of Lords ċitata f'din il-kawża:

"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision, it is indeed immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision." [15] Barra minn hekk il-mod kif ġie ttrattat l-attur iħalli dubbju jekk kienx hemm motivi ulterjuri wara din l-azzjoni, u jekk ittieħdux xi konsiderazzjonijiet estranei fl-użu tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-awtoritajiet f'dan il-każ.

F'tali ċirkostanzi kien ġustifikat l-attur li jirreklama d-danni kkaġġunati lilu minħabba dan l-aġir ta' l-awtoritajiet. Billi pero' ma talabx il-likwidazzjoni tagħhom, il-Qorti ser tieqaf hawn, mingħajr preġudizzju għal xi proċeduri ulterjuri li l-atturi presenti jistgħu jieħdu 'l quddiem f'dan ir-rigward.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara li l-esproprjazzjoni mill-konvenut ta' l-art deskritta fiċ-ċitazzjoni fil-pussess ta' l-attur, li saret permezz tad-dikjarazzjoni presidenzjali tal-11 ta' Novembru 1994 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru seba' mija u sittax tas-sena elf disa mija erba' u disghin (716/1994), ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi, fis-sens li ma kienitx

[12] Ara dokumenti esebiti ma' l-affidavit ta' Emanuel Vella
[13] Ara atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru.799/94; kopja esebita a fol.142-143, u l-isfida lill-Kummissarju tal-Pulizija (atti allegati ma'dan il-process).
[14] Prim'Awla: Giovanni Fenech et vs Kummissarju ta' l-Artijiet: 2.04.2004
[15] General Medical Council vs Spackman : 1943

meħtieġa għal "skop pubbliku", kif inhu mfisser mil-liġi li bis-saħħa tagħha ntalbet din l-esproprjazzjoni;

2. tiddikjara wkoll li bl-aġir tiegħu l-konvenut aġixxa b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministrativa stante li t-talba tiegħu għall-esproprjazjoni ma gietx eżercitata fil-limiti permessi mil-liġi  u għalhekk l-ordni relattiva ta' l-esproprjazzjoni ta' l-art in kwistjoni hija nulla; u

3. iżżomm lill-konvenut responsabblli tad-danni, likwidabbli separatament,  ikkaġunati minħabba l-aġir tiegħu.

Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Lulju 1995, kontra l-konvenut.

Maġistrat

D/Reġistratur